# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 209/2021 RM**

**Deloitte Audit Limited (C-51312)**

**-Vs-**

**Horus Malta Limited (C-72242)**

**Illum, 20 ta' April 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Deloitte Audit Limited fil-21 ta' Lulju 2021 fir-Reġistru tal-Qorti fejn talbet illi s-soċjeta' konvenuta Horus Malta Limited tiġi kkundannata tħallasha l-ammont ta' ħdax-il elf erba' mija u sittax-il Euro u ħamsin ċenteżmu (€11,416.50), rappreżentanti l-prezz ta' servizzi reżi lilek mis-soċjeta' attriċi fuq ordni tiegħek stess, bl-imgħax skont l-Artikolu 26Ċ tal-Kodiċi tal-Kummerċ u bl-ispejjeż, inklużi dawk tla-Mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mal-preżenti, kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa stess hija inġunta għas-subizzjoni.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni skont kif kien ġie awtorizzat permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Ottubru 2021, bl-aħħar pubblikazzjoni sseħħ fil-5 ta' Jannar 2022;

Rat illi madanakollu, minkejja li ġiet debitament notifikata, is-soċjeta' konvenuta baqgħet deheritx quddiem il-Qorti biex tikkontesta l-kawza u lanqas ma ppreżentat ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi;

Semghet ix-xhieda ta' Mark Giorgio fis-seduta tat-28 ta' Frar 2022;

Rat illi s-soċjeta' konvenuta ma dehritx fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022 u lanqas ressqet provi minkejja illi ngħatat l-opportunita' li tagħmel dan;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tal-20 ta' April 2022;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm is-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqgħet ma ppreżentatx risposta u lanqas dehret quddiem il-Qorti biex tikkontesta t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentment, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju mehtieg mil-liġi fil-kamp

ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Illi fil-każ odjern, il-kumpannija attrici ressqet bħala xhud lid-direttur tagħha Mark Giorgio li xehed bil-ġurament[1] illi s-soċjeta' attriċi ipprestat servizzi ta' awditjar lis-soċjeta' konvenuta għas-sena 2017, konsistenti fost oħrajn fl-awditjar tal-istatements finanzjarji tas-soċjeta' konvenuta kif ukoll servizzi prestati għall-fini tal-COREP (Common Reporting Framework). Fir-rigward, huwa esebixxa l-*invoice* relattiv (Dok. MG1), maħruġ fit-30 ta' Ġunju 2021 lis-soċjeta' konvenuta għall-ħlas tas-somma komplessiva ta' €11,416.50 dovuta għal dawn is-servizzi. Fix-xhieda tiegħu hu kkonferma wkoll illi l-ammont dovut skont dan l-invoice, fis-somma totali ta' €11,416.50 baqa' qatt ma tħallas mis-soċjeta' konvenuta u dan għadu dovut sal-lum. Dan hu l-ammont li qed jigi reklamat fir-Rikors promotur.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mis-soċjeta' konvenuta li, kif ingħad, baqgħet ma ressqet l-ebda provi u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad mehtieg fil-kamp civili, illi l-ammont reklamat minnha ta' €11,416.50 huwa dovut lilha mis-soċjeta' konvenuta.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' DELOITTE AUDIT LIMITED u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta HORUS MALTA LIMITED tħallas lill-istess soċjeta' attriċi is-somma ta' ħdax-il elf erba' mija u sittax-il Euro u ħamsin ċenteżmu (€11,416.50) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax kif mitlub.**

**L-ispejjeż kif mitluba fl-istess Rikors promotur jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[1] Xhieda tat-12 ta' Jannar 2022.